MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2015

Appell Kriminali Numru. 545/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Martin Cachia**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Martin Cachia, karta ta' l-identita` numru 610181(M), talli:

(1) kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

(2) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

(3) kiser kundizzjoni mposta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr. D. Clarke LL.D. nhar-it 30 ta' Marzu 2007, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tordna lill-imsemmi Martin Cachia jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-12 ta' Novembru 2012 li permezz tagħha, wara li rat l-Artikolu 8(a), it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (ii) u 29 tal-Kapitolu 101, r-Regolament 9 tal-GN 292/1939, u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9, sabet lill-

imsemmi Martin Cachia ħati tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għal ħlas ta' multa ta' seba' mija u ħamsin Euro (€750).

Inoltre, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, sabitu ħati tat-tielet imputazzjoni, u cioe` li kiser il-kundizzjoni tal-ordni tal-liberta` kundizzjonata magħmula bis-sentenza ta' dik il-Qorti diversament preseduta tat-30 ta' Marzu 2007, u ttrattat miegħu għall-imputazzjonijiet li dwarhom hu kien tpoġġa taħt tali ordni daqs li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-Qorti għal dawk l-imputazzjonijiet, u filwaqt li għal kull buon fini kkonfermat il-ħtija fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet, irrevokat l-ordni għal-liberta` kundizzjonata magħmul bis-sentenza msemmija u, wara li rat l-Artikoli 18, 261(b)(c)(d) u (f), 263, 267, 268, 270, 334, 337, 278, 20 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat lil Martin Cachia għal perjodu ta' tnax-il xahar priġunerija effettiva. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, dik il-Qorti awtorizzat li l-multa msemmija hawn fuq tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin Euro (€50.00), bl-ewwel pagament ta' din il-multa li għandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-ħati jiskonta l-piena karċerarja li ġiet erogata bis-sentenza appellata, u ghal dan il-fini r-Reġistratur għandu jivverifika ma' l-awtoritajiet karċerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata ħabs għal kull ħamsa u tletin Euro (€35.00) dovut;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Martin Cachia ppreżentat fil-21 ta' Novembru 2012 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn, fuq ammissjoni tiegħu stess, instab ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tiegħu iżda tirrevokaha fil-parti fejn ġie kkundannat għal multa ta' seba' mija u ħamsin euro u l-piena ta' sena priġunerija effettiva u minflok tinfliġġi piena aktar miti u idonea għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Dan huwa appell mill-piena li l-appellant iqis eċċessiva. Huwa jgħid illi rreġistra ammissjoni mill-bidu nett, saħansitra fl-istqarrija tiegħu, u dan ġie nnotat fis-sentenza appellata. Inoltre mill-fedina penali tiegħu jirriżulta illi l-uniku każ li kellu kien proprju dak li għalih ġie kkundannat sena priġunerija bis-sentenza appellata; l-ewwel Qorti stess iddeskriviet il-fedina penali bħala "mhux allarmanti". Għalhekk, jgħid l-appellant, "wieħed qajla jifhem kif, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, tista' qatt tkun ġustifikata piena ta' sena priġunerija li, fuq kollox, ġiet skattata minn pussess sempliċi ta' droga, li fil-maġġor parti assoluta tal-każi ġġib magħha l-piena ta' multa".

**6.** L-appellant iżid jgħid illi huwa għandu problema ta' abbuż ta' droga, problema li qiegħed jindirizza bis-serjeta`, tant li ilu xhur *clean* u bi ħsiebu jagħmel minn kollox biex iżomm ruħu 'l bogħod minn dan il-vizzju. Huwa jemmen illi għandu jingħata l-aħħar opportunita` biex jirriforma ruħu. Jekk jintbagħat il-ħabs, dan ser jippreċipita fqu serje ta' problemi insolvibbli, bħal li jitlef ix-xogħol tiegħu u jerġa' jaqa' f'dik is-sitwazzjoni li ġegħlitu jirrikorri għall-abbuż tad-droga fl-ewwel lok. Piena karċerarja effettiva, isostni l-appellant, ma tista' qatt issolvi xejn mill-problemi li għandu u jemmen li temperament fil-piena f'każ bħal dan hi ġustifikata.

**7.** L-appellant jirreferi għas-sentenza **Il-Pulizija v. Duranovic Coreschi** mogħtija minn din il-Qorti fl-14 ta' Settembru 2011 li, skond hu jixbah il-każ odjern. Huwa jiċċita s-segwenti bran: **"Mehud kollox in konsiderazzjoni, u wara li din il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-mod kif ghandha tittratta ma' l-appellant, waslet ghall-konkluzjoni li, anke fl-interess suprem tas-socjeta`, l-appellant ghandu jinghata l-ahhar opportunita` sabiex jehles darba ghal dejjem mill-vizzju tad-droga. Ghalhekk dwar l-imputazzjoni ta' pussess ta' eroina, wara li l-istess appellant esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigiet ta' ordni ta'**

***probation*, sejra tqieghdu taht *probation* b'kundizzjonijiet idoneji ghal dan il-ghan, filwaqt illi dwar ir-reati li dwarhom kienet inghatat is-sentenza tat-13 ta' Mejju 2009, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sejra tinfliggi l-piena tal-multa."**

**8.** L-appellant jgħid illi r-reati ammessi fil-kawża deċiża fit-30 ta' Marzu 2007 kienu prinċipalment reati ta' serq, ovvjament biex jiffinanzja l-vizzju tad-droga li kellu dak iż-żmien. Josserva wkoll illi anke f'dan il-każ, u dan kif innotat l-ewwel Qorti stess fis-sentenza tagħha, **"jidher li l-ħati kkoopera mal-pulizija, li għamel tajjeb mas-soċjeta` derubata għall-oġġetti misruqa, irreġistra ammissjoni bikrija f'dawk il-proċeduri u li meta kkommetta r-reati, il-fedina penali tiegħu kienet netta"**.

**9.** Mill-atti jirriżulta illi l-appellant ammetta l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu fl-ewwel seduta miżmuma mill-ewwel Qorti, filwaqt illi dwar it-tielet imputazzjoni ġie dikjarat li kellha ssir verifika dwar is-sentenza. Din il-verifika saret u difatti, permezz ta' nota tal-Kummissarju tal-Pulizija tat-28 ta' Frar 2011, u li fuqha saret il-visto ta' l-allura difensur ta' l-appellant (l-Avukat Dott. Chris Cardona), ġiet esebita kopja ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-konfront ta' l-appellant fit-30 ta' Marzu 2007.

**10.** Issa, fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabilita` tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati oħra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kinitx eċċessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat. Huwa l-każ li

jiġi sottolineat ukoll li skond il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, ammissjoni bikrija mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena.

**11.** Jibda biex jingħad illi s-sentenza appellata hi legalment korretta. Dak li trid tara din il-Qorti hu jekk hemmx ċirkostanzi li minħabba fihom il-piena għandha tiġi varjata.

**12.** L-ewwelnett din il-Qorti sejra tikkunsidra t-tielet imputazzjoni. Jirriżulta li b'sentenza tat-30 ta' Marzu 2007 l-appellant kien ingħata *conditional discharge* għal tliet snin dwar serq ta' ħwejjeġ (reat kontinwat) u riċettazzjoni. L-appellant kien ġie akkużat flimkien ma' żewġ persuni oħra. Ilkoll ammettew dawn l-imputazzjonijiet. Għal dik ir-raġuni nstabu ħatja taż-żewġ imputazzjonijiet mingħajr ma ġie determinat jekk kinux imputazzjonijiet alternattivi (kif normalment ikunu). Mill-istess sentenza jirriżulta li l-Qorti kkunsidrat li l-imputati verament iddispjaċihom ta' dak li għamlu, li kkooperaw mal-Pulizija u li għamlu tajjeb mas-soċjeta` derubata għall-oġġetti misruqa. Saħansitra jirriżulta minn dik is-sentenza li l-*managing director* tas-soċjeta` derubata stqarr li uħud mill-oġġetti misruqa kienu bla valur. Issa, mill-fedina penali aġġornata ta' l-appellant jirriżulta li dan kien l-uniku każ li kellu l-appellant. Għalhekk jidher illi l-appellant żamm il-bogħod mill-kriminalita`, u dan jindika li verament iddispjaċieh ta' dak li kien għamel.

**13.** Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi partikolari, din il-Qorti ddeċidiet li kellu jithejja *pre-sentencing investigation report*. F'dan ir-rapport l-uffiċjal tal-*probation* Maria Mifsud tgħid:

> "Mill-informazzjoni miġbura għall-fini ta' dan ir-rapport jirriżulta li l-problema tad-droga kienet waħda prominenti fil-passat tal-appellant. Jidher li matul iż-żmien kien hemm bidla fl-istil ta' ħajja li kien qed jgħix l-appellant u seta' jiġi nnutat li kien hemm progress. Biss, minkejja dan, jinħass il-bżonn li l-appellant ikompli jsaħħaħ l-elementi pożittivi

f'ħajtu filwaqt li jkompli jaħdem fuq dawl inqas pożittivi, fosthom l-abbuż mid-droga kannabis.

"F'dawn iċ-ċirkostanzi, sentenza ta' priġunerija tista' tkun ta' detriment għall-ħajja stabbli li qed jipprova jgħix l-imputat. Għaldaqstant, qed jiġi umilment rakkomandat lil din l-Onorabbli Qorti li l-appellant jingħata Ordni ta' Probation skond l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Ordni ta' Probation tista' tippermetti l-appellant ikompli għaddej fil-ħajja li qabad, kif ukoll tinkoraġġih ikompli jaħdem fuq aspetti oħra. Qed jiġi rakkomandat ukoll li baħal kundizzjoni fl-istess Orni titniżżel kundizzjoni li l-appellant għandu jattendi sessjonijiet fi ħdan waħda mill-aġenziji li jaħdmu kontra l-vizzju tad-droga. B'hekk ikun jista' jkun assigurat li tul is-sanzjoni fil-komunita` l-appellant ikun gwidat u megħjun jieħu l-għajnuna neċessarja għar-rijabilitazzjoni."

**14.** Bħalma qalet din il-Qorti fil-każ ċitat mill-appellant fejn iċ-ċirkostanzi jixbhu dak odjern, u cioe` l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Duranovic Coreschi** deċiż fl-14 ta' Settembru 2011: **"Meħud kollox in konsiderazzjoni, u wara li din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar il-mod kif għandha tittratta ma' l-appellant, waslet għall-konklużjoni li, anke fl-interess suprem tas-soċjeta`, l-appellant għandu jingħata l-aħħar opportunita` sabiex jeħles darba għal dejjem mill-vizzju tad-droga."** Ghalhekk dwar l-imputazzjonijiet ta' pussess tar-raża tal-*cannabis* u ta' eroina, wara li l-istess appellant esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-ħtiġiet ta' ordni ta' *probation*, sejra tqiegħdu taħt *probation* b'kundizzjonijiet idoneji għal dan il-għan, filwaqt illi dwar ir-reati li dwarhom kienet ingħatat is-sentenza tat-30 ta' Marzu 2007, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta sejra tinfliġġi l-piena tal-multa.

**15.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, <u>tirrevokaha</u> in kwantu kkundannat lill-appellant għall-ħlas ta' multa ta' seba' mija u ħamsin Euro (€750) li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, dik il-Qorti awtorizzat li l-multa msemmija tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin Euro (€50.00), bl-ewwel pagament ta' din il-multa li għandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-ħati jiskonta l-piena karċerarja li ġiet erogata bis-sentenza appellata, u ghal dan il-fini r-Reġistratur għandu jivverifika ma' l-awtoritajiet karċerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi

konvertit fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata ħabs għal kull ħamsa u tletin Euro (€35.00) dovut; tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatu għal perjodu ta' tnax-il xahar priġunerija; u minflok, dwar l-imputazzjonijiet ta' pussess tar-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* u ta' pussess ta' droga eroina kontra l-liġi tqiegħdu taħt *probation* a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta għal perijodu ta' tliet snin millum taħt is-sorveljanza ta' uffiċjal tal-*probation* li jiġi/tiġi nominat/a għal dan l-iskop u bil-kondizzjonijiet kollha fil-*probation order* li qiegħed jiġi hawn anness. Tordna li kopja ta' l-ordni ta' *probation* tiġi minnufih komunikata lill-*probationer* u lid-Direttur tas-Servizzi ta' *Probation* u *Parole*. Din il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li huwa jifhem, l-effett ta' l-ordni u li jekk jonqos milli jikkonforma ruħu ma' l-ordni jew jagħmel xi reat ieħor, jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali. Kwantu għar-reati li dwarhom kien oriġinarjament ġie dikjarat ħati bis-sentenza tat-30 ta' Marzu 2007, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 23 tal-Kap. 446 tittratta ma' l-imsemmi Martin Cachia mill-ġdid u, wara li rat l-artikoli 21, 18, 261(b)(c)(d) u (f), 263, 267, 268, 270, 334, 337, 278, 20 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundannah għall-ħlas tal-multa massima ta' elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------